MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## RAYMOND C. PACE

Seduta tas-27 ta' Novembru, 2003

Citazzjoni Numru. 1427/1999/1

**Antonio Cumbo**

**vs**

**Rabiaa Absi mart Antonio Cumbo**

**Il-Qorti,**

## <u>I. PRELIMINARI.</u>

Rat ic-citazzjoni attrici a fol. 1 fejn gie premess:-

Illi l-kontendenti kienu kkontrattaw zwieg bejniethom fil-15 t'April 1999 permezz tar-rit civili (Dok "A");

Illi l-kunsens tal-kontendenti ghal dan iz-zwieg kien vizzjat b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga, jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali tagha jew b'anomalija psikologika serja li taghmilha mpossibbli biex l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg jitwettqu:

Illi l-kunsens tal-konvenuta ghal dan iz-zwieg kien vizzjat peress li kien inkiseb bl-eskluzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu, jew ta’ xi wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga, jew ta’ dritt ghall-att taz-zwieg;

Illi ghal dan iz-zwieg il-konvenuta rabtet il-kunsens taghha ma’ kundizzjoni li tirreferi ghall-futur;

Illi l-kunsens tal-attur inkiseb b’qerq dwar xi kwalita’ tal-konvenuta li tista’ mix-xorta taghha tfixkel serjament il-hajja mizzewga;

Illi l-attur, ghalkemm ma kienx interdett jew marid b’mohhu, ma kellux, fiz-zmien li sar iz-zwieg, setghat intelletwali bizejjed biex jinholoq kunsens ghaz-zwieg;

Illi ghalhekk l-imsemmi zwieg huwa null ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi.

Illi l-istess attur talab lil din l-Onorabbli Qorti sabiex ghar-ragunijiet premessi:-

1. Tiddikjara u tiddeciedi li z-zwieg ikkuntrattat bejn il-kontendenti fil-15 t’April 1999 bir-rit civili huwa null u bla effett ghall-finijiet u effetti kollha tal-Ligi.

Bl-ispejjez kontra l-konvenuta li hija ngunta sabiex tidher ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni attrici a fol. 3 tal-process;

Rat il-lista ta’ xhieda u d-dokumenti esebiti a fol. 4 sa 5 tal-process;

Rat il-verbal tat-8 ta’ Marzu 2000.

Rat ir-rikors tal-attur datat 14 t’April 2000 fejn talab li n-notifika lill-konvenuta ssir permezz tal-pubblikazzjoni fil-Gazzetta tal-Gvern.

Rat id-digriet sussegwenti tal-Qorti tal-4 ta' Mejju 2000 fejn laqghat it-talba b'dan li jigi segwit dak indikat fl-**artikolu 187 (3) tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta.**

Rat il-verbali tad-29 ta' Mejju 2000 u tad-9 t'Ottubru 2000.

Rat li l-konvenuta giet notifikata bl-affissjoni *a tergo* fol.14 tal-process.

Rat estratt tal-pubblikazzjoni tac-citazzjoni u l-avviz tas-smiegh tal-kawza fil-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta Nru. 17,009 tat-Tlieta, 7 ta' Novembru 2000.

Rat il-verbal tat-22 ta' Novembru 2000 fejn l-attur anke pprezenta estratt tal-istess pubblikazzjoni f'gazzetta lokali; tat-12 ta' Frar 2001 fejn il-Qorti nnominat lil Dr. Deborah Huber bhala Perit Legali biex tigbor il-provi u tirrelata; u tal-15 ta' Gunju 2001.

Rat it-tliet noti tal-attur, tnejn minnhom datati 30 t'Ottubru 2001 fejn b'wahda pprezenta l-affidavit tieghu stess, u bl-ohra affidavit iehor ta' Mary Randich, filwaqt li bit-tielet nota datata 8 ta' Novembru 2001 pprezenta affidavit ta' Charles Cumbo.

Rat il-verbali tat-22 ta' Novembru 2001; tat-13 ta' Frar 2002 fejn il-kawza giet differita biex tkompli tinstema' minn din il-Qorti kif prezentament ippresjeduta mill-Onor. Imhallef Raymond C. Pace; tal-14 ta' Mejju 2002; tat-22 t'Ottubru 2002; tat-12 ta' Dicembru 2002 fejn il-Qorti giet infurmata li gie pprezentat ir-rapport dakinhar stess; tal-25 ta' Frar 2003 fejn l-istess rapport gie konfermat bil-gurament mill-Perit Legali Dr. Deborah Farrugia; u tat-3 t'April 2003 fejn il-kawza giet differita ghall-lum 27 ta' Novembru 2003 ghas-sentenza.

Rat ir-rapport, is-seduti kollha mizmuma mill-Perit Legali Dr. Deborah Farrugia, il-provi hemm migbura, ix-xhieda hemm moghtija u d-dokumenti hemm esebiti.

Rat li minkejja li giet notifikata bic-citazzjoni attrici u bl-avviz tas-smiegh tal-kawza l-konvenuta baqghet ma

pprezentat l-ebda nota tal-eccezzjonijiet u ghalhekk baqghet kontumaci.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## II. KONSIDERAZZJONIJIET.

### (i) PROVI PRODOTTI.

Illi **l-attur** ipprezenta l-affidavit tieghu fejn qal li kien sar jaf lill-konvenuta u ngibed lejha. Huwa kien stidinha sabiex fejn kien joqghod ma’ missieru u huh.

Illi l-attur ikompli jixhed li l-ewwel darba li giet id-dar tieghu kienet giet flimkien ma’ ragel Tunezin jismu Aimen. Jghid li hu u huh kienu nnotaw li kien hemm hbiberija zejda ma’ dan Aimen.

Illi f’dik il-gurnata l-partijiet ftehmu li hija tibqa’ toqghod mal-attur u l-familja tieghu gewwa kamra ghaliha fl-ewwel sular tad-dar.
Illi huwa jkompli jghid li xi xahar wara, il-konvenuta ddecidiet tmur izzur lill-familja taghha gewwa Tunes. Meta regghet giet lura Malta, il-konvenuta giet tfittex lill-attur u talbitu jzommha gewwa daru. Xi zmien talbitu ghal flus. Huwa u huh iddecidew li jaghtuha Lm10 kuljum.

Illi l-attur jixhed: *“Xi zmien wara bdiet thajjarni ghaz-zwieg u billi jiena kont ingbidt lejha kont thajjart. Imma hija kienet bierda hafna mieghi. Allahares kont nipprova nikkarezzjaha ghax kienet thedded li tahbat ghalija. Kienet tghid li ma nistghax nikkarezzjaha qabel iz-zwieg skond ir-religjon taghha.”*

Illi huwa jkompli jixhed: *“Rabiaa baqghet thajjarni biex nizzewweg u fl-ahhar ikkonvincietni u accettajt, ghalkemm insistejt li z-zwieg isir bis-sigriet.”*

Illi l-attur jixhed li huma kienu zzewgu bir-Registru. Ma kienu nfurmaw lil hadd bic-cerimonja.

Illi l-attur jghid li wara z-zwieg il-partijiet baqghu jorqdu fi kmamar separati bhal ma kienu qabel. Il-konvenuta assolutament ma kenitx thalli lill-attur jiehu ebda kunfidenza maghha. Hija kienet dejjem b'xi skuza; gieli qaltlu li kellu jaghmel l-operazzjoni ta' circumcizjoni sabiex ikollha sess mieghu u gieli qaltlu li jekk jizzewgu f'Tunes. Huwa jixhed: *"Lili qatt ma tatni wicc la qabel iz-zwieg u lanqas wara, u fil-fatt lanqas qatt ma rnexxieli mmissha jew ikolli x' naqsam maghha".*

Illi ftit wara z-zwieg l-attur jixhed li sar jaf li Rabiaa kienet qed tkun fil-kumpanija ta' ragel ismar. Huh, Charles qallu li kien Tunezin. Oht l-attur, Mary Randich, kienet ukoll qaltlu li kienet rat lill-konvenuta u lil Aimen jiehdu kunfidenza ma' xulxin.

Illi jghid li l-konvenuta qatt ma riedet tohrog mieghu ghaliex qatt ma kellha aptit. Hija kienet bdiet tahdem mis-2.00p.m. 'l quddiem. Gieli kienet tigi lura d-dar tard hafna u gieli raqdet il-lejl barra. Maz-zmien il-konvenuta bdiet tghidlu sabiex johorgu ghal rashom u jmur ma' nisa ohra jekk ried.

Illi l-attur jghid li ftit wara beda jinqala' l-inkwiet. Wara li kellha glieda ma' ohtu, Mary Randich u huh, Charles, il-konvenuta kienet telqet mid-dar ghal kollox u qatt ma rega' raha. Dan kien biss xahar wara z-zwieg.

Illi fis-seduta tad-19 ta' Gunju 2002 l-attur xehed li kien iltaqa' mal-konvenuta l-ajruport ghaliex Aimen kien qallu li sejjer ilaqqghu maghha. Lil Aimen kien jafu ghaliex gieli kien jixorbu flimkien. Jghid: *"Din it-tfajla ma kontx nafha. Iltqajt maghha l-ewwel darba l-airport u tkellimna hemm u Aimen ghamilha bhala nterpretu".*

Illi l-attur jghid li kien jiltaqa' mal-konvenuta ghaliex tigi l-hanut tieghu f'Paceville ma' Aimen. Huma t-tlieta kienu joqoghdu jiehdu kafe u jitkellmu. Aimen kien joqghod bhala nterpretu. L-attur sal-llum ma jafx jitkellem jew jifhem il-lingwa tal-konvenuta, cjoe' dik Tunezina.

Illi f'dan ix-xahar l-attur kien ingibed lejha. Imbaghad hija qaltlu li kienet sejra titlaq lejn it-Tunezija u fil-fatt hekk ghamlet. Wara xi zmien li telqet hija kienet cemplitlu u qaltlu li thobbu u talbitu jizzewwigha.

Illi l-attur jghid li Aimen u Rabbiaa kellhom hafna kunfidenzi flimkien. Kienu jitkellmu fil-widnejn u jimxu wara xulxin, per ezempju, jekk imur *it-toilet* Aimen, hija tmur warajh. Rabiaa kienet toghqod tizfinlu izda lill-attur qatt ma riedet taghmel xejn mieghu. Ikompli jghid li meta Aimen kien ikun id-dar tal-partijiet, huwa kien dejjem jigi l-ewwel u qabel kulhadd ghall-konvenuta anke meta sservi l-ikel.

Illi fuq zwieg l-attur jixhed li Rabbia kient tghidlu sabiex jizzewgu diversi drabi, xi ghaxar (10) darbiet. Jixhed: *"Jiena dejjem kont nghidlu mhux issa u tibqa' tghidli "u ejja" u tiffittani. Imbaghad fl-ahhar ghidt, "iva" ghaliex ikkonvincietni li hadd ma sejjer ikun jaf. Jiena kont niddejjaq li kieku huti saru jafu biz-zwieg. Jiena ghalkemm ghidtilha "iva" li nizzewwigha kont xorta qed naraha tidhaq ftit bija."*

Illi huwa jghid li wara hmistax-il gurnata tghix fid-dar mieghu, il-konvenuta bdiet titolbu sabiex jizzewgu. Xi gimaghtejn wara huwa qal *"iva"*. Ghid: *"Hija waqqghatni u gerfxitni u ghidt "iva" meta ma kontx konvint li ghandi nizzewweg. Hija gerfxitli mohhi. Lanqas hwejjeg biex nizzewweg ma kelli. Jiena tlabt lil ohti ghall-hwejjeg sabiex immur "party" imbaghad minflok mort il-Belt nizzewweg".*

Illi l-attur jghid li ha gost li z-zwieg jibqa' sigriet ghaliex ohtu, Mary Randich, ma kelliex grazzja mal-konvenuta u l-attur kellu suggizzjoni minn ohtu. Ghid: *"Jiena ommi kienet mietet u ohti saret qisha ommi u kienet importanti ghalija li ohti ma tkunx taf biz-zwieg".*

Illi fis-seduta tat-3 ta' Lulju 2002 l-attur xehed li meta fl-ahhar accetta li jizzewweg, kienet Rabiaa stess li ppreparat kollox sabiex jizzewgu. Huma kienu zzewgu xi jiem wara li l-attur kien accetta li jizzewweg. *"Hija ghamlet*

*il-karti taz-zwieg; hija ddecidiet id-data u kollox hija ghamlet".*

Illi jghid: *"Ma nafx jekk kellhiex permess sabiex toqghod Malta. Ma nafx jekk kellhiex visa. Jiena ma kontx naf dwarha ghaliex kont nafha biss ghal xi xahar u nofs jew xahrejn qabel ma zzewwigtha".*

Illi fuq ic-cerimonja taz-zwieg l-attur jghid li huma zzewgu fir-Registru Pubbliku. Kien hemm bhala xhieda zewg Maltin, li ma kienx jaf ezatt minn kienu izda kienu xi hbieb ta' Rabiaa. Dawn kienu certu Josette u r-ragel taghha. Ma kien hemm hadd aktar. Wara huma marru jieklu xi haga u mbaghad morru d-dar ta' missieru flimkien, bhal m'ghamilna dejjem. *"Morna lura d-dar qisu ma gara xejn u komplejna hekk sakemm telqet. Hadd qatt ma sar jaf fuq iz-zwieg taghna".*

Illi jixhed li wara li zzewgu l-konvenuta damet xi xahar tghix mieghu u mbaghad telqet u ma giet lura qatt u ma qaltlux fejn sejra u sal-llum ma jafx fejn hija u lanqas qatt ma kkomunikat mieghu.

Illi **Charles Cumbo**, hu l-attur fl-affidavit tieghu jixhed li l-ewwel darba li l-konvenuta giet izzur lill-attur id-dar kienet giet ma' ragel Tunezin. *"Kienu hbieb sew u fil-fatt aktar tard konna sirna nafu minghand ohti li hija kienet anke rathom jiehdu kunfidenza ma' xulxin".*

Illi x-xhud jghid: *"Ghalkemm Absi kienet bierda hafna ma hija, hija kienet talbitu biex jizzewwigha u hija kien thajjar u xi zmien wara kienu zzewgu minghajr ma qalulna xejn. Il-familja tieghi sirna nafu li zzewgu xi xahar wara".* Jghid li l-kontendenti dejjem kienu jorqdu fi kmamar separati.

Illi x-xhud jiftakar li l-konvenuta kienet bdiet tahdem u kienet tidhol id-dar tard hafna bil-lejl.

Illi huwa jixhed dwar l-incident meta l-konvenuta kellha glieda ma' ohtu, Mary Randich. Il-konvenuta kienet refghet idejha fuqu u fuq ohtu. Wara dan l-incident il-konvenuta telqet u qatt ma giet lura d-dar.

Illi **Mary Randich**, oht l-attur, fl-affidavit taghha tghid li l-konvenuta kienet giet id-dar l-ewwel darba akkompanjata minn ragel Tunezin. Giet miftehma li dakinhar il-konvenuta torqod hemm. Il-konvenuta baqghet hemm ghal xi xahar u f'dan il-perjodu it-Tunezin kien jigi hemm spiss u gieli anke raqad hemm.

Illi tixhed: *"Niftakar li jiena rajt lit-Tunezin jiehu kunfidenza ma' Rabiaa kemm-il darba u fil-fatt gieli rajthom jitbewsu u jmissu lil xulxin. Rabiaa kienet dejjem issemmi lit-Tunezin u kienet tinsisti li meta jigi izurna, kellna nistennewh biex jiekol ,maghna".*

Illi x-xhud tispjega li l-konvenuta baqghet tghix hemm ghal xi xahar. Imbaghad kienet siefret u wara xi xaghrejn jew tlieta kienet giet id-dar u talbet li terga tghix hemm.

Illi fuq iz-zwieg ix-xhud tghid li: *"Meta hija zzewweg lil Rabiaa, jiena sirt naf xi tliet gimghat wara, billi hija Anthony ma kien qalli xejn. Sirt naf waqt kwistjoni li kellha ma Rabiaa ghax kienet qed tiehu hafna flus minghand hija. Dak il-hin qaltli li kienet izzewget lil hija Anthony".*

Illi x-xhud tispjega li beda l-glied bejn il-kontendenti u l-konvenuta kienet anke vjolenti. Hija kienet saret taf ukoll li l-konvenuta kienet qed tkun fil-kumpanija ta' ragel iehor. Xi gimgha wara x-xhud rat lill-konvenuta tohrog xi affarjiet mid-dar. Il-konvenuta kienet hebbet ghalija u ghal huha Charles. Wara din il-glieda l-konvenuta kienet telqet u qatt ma ratha izjed.

Illi tghid ukoll li l-kontendenti kien jorqdu fi kmamar separati u li l-konvenuta kienet issakkar il-bieb taghha u ma thalli li hadd jiedhol, inkluz lill-attur.

**(ii) PRINCIPJI LEGALI.**

Illi l-attur indika diversi sub-artikoli ghall-konsisderazzjoni tat-talba tieghu ghall-annullament ta' dan iz-zwieg pero' din il-Qorti abbazi tal-provi prodotti sejra tikkoncentra biss fuq l-**artikolu 19 (1) (d) u (f) tal-Kap 255** u dan peress ma

jidhirx li is-sub-artikoli l-ohra huma relevanti ghall-kaz in ezami, u dan apparti l-fatt, li kif ser jinghad aktar il-quddiem dawn il-premessi hekk kif ikkonsidrati minn din il-Qorti huma bizzejjed ghas-soluzzjoni tal-pendenza odjerna.

Illi fil-fatt l-attur, fost premessi ohra, jissottometti li z-zwieg bejnha u bejn il-konvenuta ghandu jigi dikjarat null *inter alia* abbazi ta' l-**artikolu 19 (1) (d) tal-Kap 255** li jghid:-

*"(d) jekk il-kunsens ta' xi wahda mill-partijiet ikun vizzjat b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga, jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali taghha, jew b'anomalija psikologika serja li taghmilha mpossibbli ghal dik il-parti li taqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg".*

Illi dwar dan is-sub-artikolu din il-Qorti kif presjeduta diga' kellha okkazjoni tezaminah, u ghalhekk taghmel referenza ghas-sentenza **"Joseph Borg vs Maria Nicolina Cutajar gia` Borg"** (Cit. Nru. 1564/97/RCP – deciza fil-21 ta' Ottubru 1999) u ghall-principji hemm enuncjati.

Illi fis-sentenza **"Kevin Spiteri vs Avukat Dr Renzo Porella Flores et noe"** (Cit. Nru. 2443/97/RCP – deciza 18 ta' Jannar 2000) il-Qorti ghamlet referenza ghall-espozizzjoni ta' ***Viladrich:-***

*"Thus, there is grave lack of discretion of judgement when it is proven that a contracting party lacks intellectual and volitional maturity necessary to discern, in view of binding oneself in an irrevocable manner, the essential rights and duties of marriage, which are the object of mutual surrender and acceptance. The discretion of judgement refers to that degree of maturity of comprehension and of will of the contracting parties which enables them to give and receive each other, through a juridical bond, in a unique community of life and love. This community is indissolubly faithful, ordered to the good of the spouses as well as to the procreation and education of the offspring" (**Viladrich, P.J., "Matrimonial Consent in Code of Canon Law Annotated."** (Montreal, 1993), p. 686).*

Illi kwantu ghall-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg, din il-Qorti tifhem li, fin-nuqqas ta' definizzjoni jew indikazzjoni fil-**Kap. 255**, dawn l-obbligazzjonijiet essenzjali huma dawk li fis-socjeta` Maltija dejjem u nvarjabbilment gew ritenuti bhala l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg. Dawn huma *"the obligation concerning the conjugal act or carnal union, as bodily union and basis of procreation; the obligation of the community of life and love as an expression of the union between man and woman, mutual well-being, which is inseparable from the provision of an environment conducive to the reception and education of children; and the obligation to receive and bring up children within the context of a conjugal community. It is important to remember that these essential obligations must be mutual, permanent, continuous, exclusive and irrevocable so that there would be incapacity if one of the contracting parties should be, due to a psychological cause, incapable of assuming these obligations with these essential characteristics" (**Viladrich, P.J.,** op.cit., pg. 687).*

Illi wkoll fis-sentenza **"Alexandra sive Sandra Farrugia vs Raymond Farrugia"** (P.A. (VGD) 10 ta' Settembru 1997) inghad wkoll li:

*"Kwantu ghad-difett serju ta' diskrizzjoni ta' gudizzju – **Art. 19 (1) (d)** – biex ikun hemm nuqqas serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju jrid ikun hemm inkapacita' psikika (mhux necessarjament anomalija psikologika fis-sens mediku psikjatriku) jew kostituzzjonali li wiehed jaghraf u jirrifletti, jew li jiddeciedi liberalment, fuq l-oggett tal-kunsens matrimonjali (**"Isabelle Zarb vs Stephen Attard"** – P.A. 21 ta' Novembru 1995). Mhix ghalhekk kwistjoni ta' nkompatibilita' ta' karattru, jew ta' decizjoni jew decizjonijiet zbaljati. Il-paragrafu **(d)** ikompli jitkellem dwar "anomalija psikologika serja li taghmilha mpossibbli ghal dik il-parti li taqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg". Il-Qorti tosserva li l-ligi taghna tirrikjedi mhux biss anomalija psikologika tkun wahda serja, izda li tkun taghmilha mpossibbli mhux sempliciment difficli, li wiehed*

*jaqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg ossia jassumihom".*

Illi ghalhekk b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju l-legislatur ma riedx ifisser semplicement kwalsiasi stat ta' mmaturita` li parti jew ohra fiz-zwieg tista' tkun fiha fil-mument li jinghata l-kunsens reciproku **("Nicholas Agius vs Rita Agius gia Caruana"** – P.A. (VDG) tal-25 ta' Mejju 1995).

Illi li kieku l-legislatur irrikjeda maturita` shiha u perfetta, ftit jew addirittura ebda zwieg ma kien ikun validu. In-nuqqas ta' *"discretio judicii"* hu kuncett guridiku ntrinsikament marbut mal-kapacita` ta' parti jew ohra fiz-zwieg li taghti l-kunsens liberu u xjenti taghha ghar-rabta taz-zwieg. Kif jispjega l-gurista ***Colagiovanni*** meta sostna li:-

*"Il matrimonio, in quanto patto ossia "foedus" ……… richiede una capacita` intelletuale e volitiva al di sopra di ogni altro contratto che e` per lo meno rescindibile, in casi determinati dalla legge, richiede quindi una integrita` di mente e di liberta`, dato che ……… si tratta di assumersi una "servitus" per tutta la vita" (**Forum**, 1990, Vol. 1 part I, p. 72).*

Illi pero`, kif gja' nghad fis-sentenza **"Rodianne Graham vs Maria Concetta Zammit"** (P.A. (RCP) 30 ta' Ottubru 2002), b'immaturita` jew difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju d-dottrina u l-gurisprudenza *"non si riferiscono ad una piena e terminale maturita`, non esigono nei nubenti una conoscienza perfetta ed esaustiva di cio` che comporta il matrimonio, non richiedono una preveggenza chiara ed assoluta di cio` che puo compartare la vita coniugale, ne` un perfetto equilibrio volitivo-affettivo, ne` infine una conscienza perfetta delle motivazioni della scelta matrimoniale. Ecco perche` riesce piu` appropriato l' uso del termine discrezione di giudizio, che fa riferimento ad un certo discernimento ma non implica il raggiungimento di una maturita` piena"* ***(Pompedda, M.F., "Il Consenso Matrimoniale in Grocholewski"*** –

***Pompedda – Zagglia, "Il Matrimonio nel Nuovo Codice di Diritto Canonico"** (Padova, 1984), p. 46).*

Illi kif gie affermat diversi drabi minn din il-Qorti, inkluz fis-sentenza **"Alessandra sive Sandra Mc Monagale qabel Mamo vs Mario Mamo"** (P.A. (VDG) 26 ta' Ottubru 2000) ikun hemm id-difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fis-sens ta' l-ewwel parti tal-paragrafu **(d)** imsemmi kemm-il darba jirrizulta li, *"fil-mument ta' l-ghoti tal-kunsens matrimonjali, parti jew ohra tkun priva b'mod sostanzjali, ossia gravi, minn dik il-fakolta` kritiko-estimativa jew kritiko-valutativa dwar l-oggett tal-kunsens taz-zwieg, jew minn dik il-maturita` affettiva li hija presuppost ghal ghazla libera dwar l-imsemmi oggett. Id-difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju, ghalhekk, ma hux semplicement nuqqas ta' hsieb, nuqqas ta' riflessjoni; anqas ma jfisser li wiehed jaghmel ghazliet jew jiehu decizjonijiet zbaljati – in fatti decizjoni jew ghazla zbaljata hi perfettament kompatibbli ma' diskrezzjoni ta' gudizzju" (*ara, **"Emanuel Camilleri vs Carmen Camilleri"**, P.A., 10 ta' Novembru 1995).

Illi l-istess sentenza tkompli tghid *"li parti fiz-zwieg ma tkunx fehmet sufficjentement, fis-sens li ma tkunx hasbet bizzejjed jew ma tkunx irriflettiet bizzejjed fuq il-hajja mizzewga jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali tal-hajja mizzewga, ma jammontax necessarjament ghal difett (serju) ta' diskrezzjoni ta' gudizzju **("Selina-Maria Vella Haber vs Joseph Gatt"**, P.A., 15 ta' April 1996)".*

Illi ghalhekk biex ikun hemm in-nuqqas jew difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju kif ravvizat fl-**artikolu 19(1)(d)** irid ikun hemm l-inkapacita` psikika (mhux necessarjament anomalija psikologika fis-sens mediku/psikjatriku) jew kostituzzjonali li wiehed jaghraf u jirrifletti, u li jiddeciedi liberament, fuq l-oggett tal-kunsens matrimonjali (ara f'dan is-sens, fost ohrajn, **"Jacqueline Cousin vs Bernard Simler"**, P.A., 3 ta' Gunju 1998; **"Roseanne Cassar vs Kenneth Cassar",** P.A. 19 ta' Ottubru 1998; u **"Carmelo Grima vs Mary Andrews"**, P.A., 2 ta' Novembru 1998).

Illi proprju ghalhekk ukoll il-legislatur jirrikjedi li d-difett ta' diskrezzjoni jrid ikun wiehed serju u l-anomalija psikologika tkun wahda serja.

Illi kif inghad fis-sentenza **"Joseph Galea vs Dr. Claudine Galea et nomine"** (P.A. (RCP) 27 ta' Marzu 2003, kif jispjega ***Bersini***, id-diskrezzjoni ta' gudizzju tikkonsisti f' zewg elementi distinti izda konkorrenti w interdipendenti:-

*"La piena avvertenza e il deliberato consenso … … … La piena avvertenza si riferisce alla sfera intellettiva, il deliberato consenso a quella volitiva. In altri termini, la discrezione di giudizio comprende la maturita` di giudizio e la maturita` affettiva … … … La maturita` di giudizio comporta una conoscenza critica proporzionata all' atto da compiere, agli obblighi essenziali da assumersi e ai doveri coniugali che ne derivano proiettati nel futuro. La maturita` affettiva comporta generalmente quella adequata evoluzione degli istinti, degli affetti, dei sentimenti, della emotivita` che se sono turbati o inadeguati intaccano direttamente la volonta` e possono privare della libera scelta interiore. Abbiamo cosi` una mancanza di consenso libero (immaturita` affettiva) e ponderato (immaturita` di giudizio)" **(Bersini, F., "Il Diritto Canonico Matrimoniale."** (Torino, 1994), p. 97).*

Illi l-istess awtur, imbaghad ikompli jispjega dwar kemm irid ikun serju d-difett ta' diskrezzjoni biex wiehed ikun jista' jghid li hemm id-difett fil-kunsens u l-konsegwenti nullita` taz-zwieg:-

*"Se ci si chiede quale grado di discrezione di giudizio possa ritenersi proporzionato al matrimonio, rispondiamo anzitutto che, sia per la conoscenza intellettiva come per la deliberazione volitiva, dovra' essere maggiore di quello richiesto per peccare mortalmente e per stipulare gli altri contratti. Il motivo sta nel fatto che il consenso matrimoniale riguarda obbligazioni che si proiettano nel futuro ed e` ordinato all' assunzione di uno stato di vita che incide su tutta l' esistenza con un contratto perpetuo e irrescendibile che comporta una serie di gravi obblighi ad*

*esso inerenti. Per dare un valido consenso, non e` sufficiente il grado di ragione col quale speculativamente uno sappia che cosa e` il matrimonio; e` necessaria la maturita` di giudizio capace di ponderare in concreto i doveri e i diritti che uno deve assumersi per tutta la vita. In altri termini, e` necessaria la discrezione non tanto per l' atto in se, al momento di emettere il consenso, quanto per gli impegni che da quell' atto derivano. Una discrezione che impegni per il futuro. Ovviamente si richiede una ponderazione degli impegni sostanziali del matrimonio e non di tutto il suo valore etico, religioso, sociale, giuridico ed economico, altrimenti ben pochi sarebbero in grado di emettere un valido consenso. Ogni volta che i contraenti abbiano raggiunto l' eta prescritta dal legislatore per poter contrarre matrimonio, si presume che essi siano in possesso della debita discrezione di giudizio; tale presunzione, tuttavia, ammette prove in contrario. Pertanto, qualora si possa dimostrate, per qualsiasi motivo, la capacita` intellettiva e volitiva sopra descritta sia gravamente alterata o addirittura mancante, si dovra` ritenere che il vincolo matrimoniale sia nullo per difetto di discrezione di giudizio"* (*ibid.* pp. 97-98).

Illi hawnhekk il-Qorti, pero`, tixtieq tippreciza, li kif johrog car mis-sentenza **"Ramzi Saad Gergis vs Nicholina Gergis"** (P.A. (RCP) 28 ta' Ottubru 2003, li ghaliha qed issir referenza, l-ghazla libera, u l-kunsens hieles ghar-rabta taz-zwieg mhux sinonimu mal-kuncett ta' ghazla facli, u dan kif gja' gie ndikat fis-sentenzi fuq kwotati, tant li nghad li:-

*"… … ... se il sogetto non e` in grado di superare [i] condizionamenti interiori, allora si dira` che la scelta di lui non e` stata libera; lo sara` invece qualora pur pressato da tali impulsi provenienti dal proprio psichismo, da un' affettivita` non sufficientemente matura o anomala, e quindi anche di fronte a conflitti interiori, sara` stato capace di superarli, di dominarli razionalmente, di scegliere con autonomia ... ... ... In ogni caso, i nubenti debbono aver coscienza di assumere vere obbligazioni (e reciprocamente di concedere veri diritti) di creare cioe` col matrimonio un patto che vincola* a un comportamento

idoneo e adeguato alla specifica societa` coniugale, sia nei rigwardi dell' altra parte sia nei riguardi della prole" (***Pompedda, M.F.,* "Incapacita` di Natura Psichica in Matrimonio Canonico: Fra Tradizione e Rinnovamento."** (Bologna, 1991), pp. 231, 233*).*

Illi kwantu ghad-difett fil-kunsens dovut ghall-anomalija psikologika serja li taghmilha mpossibbli ghal dik il-parti li taqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg, il-ligi taghna, bhad-dritt kanoniku **(Can. 1095 (3))** tirrekjedi mhux semplici diffikulta` izda mpossibilita` li wiehed jaqdi ossia jassumi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg. Inkapacita` jew impossibilita` vera f' dan il-kuntest hi ipotizzabbli biss fil-prezenza ta' anomalija psikologika serja li, independentement minn kif wiehed jaghzel li jiddefiniha jew jiklassifikaha fil-kamp tal-psikjatrija jew tal-psikologija, tintakka sostanzjalment il-kapacita` *"di intendere e/o di volere". "L' incapacita` di assumere gli oneri essenziali della vita coniugale", kif jghid* ***Bersini****, "rende la persona inabile al matrimonio, anche nell' ipotesi … … … che al momento di contrarre le nozze abbia avuto la discrezione di giudizio sufficiente per un valido consenso"* (op. cit., *p. 99).*

Illi ghal dak li jirrigwarda l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg, din il-Qorti tifhem li, fin-nuqqas ta' definizzjoni jew indikazzjoni fil-**Kap. 255**, dawn l-obbligazzjonijiet essenzjali huma dawk li fis-socjeta` Maltija dejjem u nvarjabbilment gew ritenuti bhala l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg.

*Illi dawn huma "the obligation concerning the conjugal act or carnal union, as bodily union and basis of procreation; the obligation of the community of life and love as an expression of the union between man and woman, mutual well-being, which is inseparable from the provision of an environment conducive to the reception and education of children; and the obligation to receive and bring up children within the context of a conjugal community. It is important to remember that these essential obligations must be mutual, permanent, continuous, exclusive and irrevocable so that there would be incapacity if one of the*

*contracting parties should be, due to a psychological cause, incapable of assuming these obligations with these essential characteristics” (****Viladrich, P.J****.*, op. cit., p. 687).

Illi tal-istess portata huma s-sentenzi **“Anthony Gaffiero vs Juanita Gaffiero nee’ Sultana”** (P.A. (VDG) 17 ta’ Novembru 2000 u **“Anna Galea v. John Walsh”,** (P.A. (VDG) tat-30 ta’ Marzu 1995). Inerenti, ghalhekk, f’dawn l-obbligazzjonijiet hemm l-obbligu tal-partijiet li jaghtu lilhom infushom lil xulxin fit-totalita` taghhom sabiex tigi stabbilita bejniethom *“the community of life and love”.*

Illi fl-ahharnett din il-Qorti taghmel referenza ghal dak li nghad fis-sentenza fl-ismijiet **“Nathalie O’Toole vs Patrick O’Toole”** (P.A. (N.A.) 25 ta’ Marzu 2002) fejn inghad li:-

*“il-kunsens moghti fiz-zwieg skond din l-istess gurisprudenza mhuwiex dak il-kunsens semplici rikjest fil-kuntratt in generali ghaliex il-kuntratt taz-zwieg huwa wiehed "sui generis" u ta' ordni pubbliku. Illi ghalhekk il-partijiet f'kuntratt ta' zwieg mhux biss irid ikollhom il-kapacita' li jaghtu dak il-kunsens, izda li l-istess irid jigi moghti bl-aktar mod liberu u xjenti ghal dak kollu li tirrikjedi r-rabta taz-zwieg. Il-kuntratt taz-zwieg ghandu jigi apprezzat mhux biss bl-ghajnejn oggettivi tal-ligi, izda jrid isib is-sinifikat tieghu fir-relazzjonijiet ta' koppja u l-iskop ahhari taz-zwieg, cjoe' li tnejn minn nies jaghtu lilhom nfushom lil xulxin ad eskluzjoni ta' kollox u kulhadd. Meta ghalhekk ghal xi raguni jew ohra dak il-kunsens ma jkunx gie moghti bil-konoxxenza shiha ta' dak li jgib mieghu z-zwieg, allura jinholoq dubju kemm dak il-kuntratt matrimonjali huwa wiehed validu”.*

Illi kif inghad fis-sentenza **“Al Chahid vs Mary Spiteri”** (P.A. (RCP) 5 ta’ Gunju 2002) inoltre l-kunsens irid ikun wiehed tali li permezz tieghu l-parti li tesprimih trid tkun konxja ta' l-obbligi, id-dmirijiet u r-responsabbiltajiet li ggib maghha l-hajja mizzewga bhalma huma l-elementi ta' unjoni permanenti, esklussiva w irrevokabbli.

Illi dawn il-principji kollha gew kkonfermati f'diversi sentenzi moghtija minn din il-Qorti nkluzi **"Maria Rita Calleja. Vs Mohamed Ben Mohamed Khemiri"** (P.A. (RCP) 17 ta' Frar 2000); **"Nicolai Balzan vs Simone Cremona"** (P.A. (RCP) 9 ta' Marzu 2000); **"Ousama Sadalah vs Doris Tanti"** (P.A. (RCP) 4 ta' April 2000); **"Josephine Gabriel vs Dr. Georg Sapiano et nomine"** (P.A. (RCP) 8 ta' Novembru 2000); **Josette Lungaro mart Jesmond Lauro vs Jesmond Lauro"** (P.A. (RCP) l-1 ta' Frar 2001); **"Mazen Dadouch vs Maria Dadouch xebba Galea"** (P.A. (RCP) 22 ta' Marzu 2002); **"Albert Grech vs Josette Grech"** (P.A. (RCP) 30 ta' April 2002); **"Marco Tanti vs Catherine Azzopardi"** (P.A. (RCP) 30 ta' Mejju 2002); u **"Giulio Farrugia vs Raquel Anne Farrugia"** (P.A. (RCP) 29 ta' Mejju 2002) fost ohrajn.

Illi min-naha l-ohra fl-**Artikolu 19 (1) (f)** jinghad ukoll li z-zwieg ikun null:-

*"**artikolu 19 (1) (f)** "jekk il-kunsens ta' xi wahda mill-partijiet ikun inkiseb bl-eskluzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu jew ta' xi wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga, jew tad-dritt ghall-att taz-zwieg".*

Illi dan is-sub-artikolu wkoll gie diskuss u ezaminat fis-sentenza **"Nicolai Balzan vs Simone Cremona"** minn din il-Qorti kif presjeduta (Cit. Nru. 1019/98/RCP – deciza fid-9 ta' Marzu 2000) **u "Mark Spiteri vs Susan Margaret Spiteri"** (P.A. (RCP) 27 ta' Frar 2001) u a skans ta' ripetizzjoni qed issir referenza ghall-principji hemm enuncjati. Illi *inoltre* fis-sentenza **"Theresa Taguri nee Spiteri vs Avukat Christopher Cilia et noe"** (Cit. Nru. 3130/96/NA – deciza P.A. (NA) fl-10 ta' Novembru 1999) gie ritenut illi:-

*"Fl-interpretazzjoni ta' dan is-sub-inciz gie ritenut mill-Qorti taghna illi l-eskluzjoni pozittiva ma kellhiex necessarjament tirrizulta biss minn xi haga espressa direttament izda setghet tigi espressa bl-imgieba ta' xi parti fil-perjodu mmedjatament qabel u wara li jkun inkiseb l-istess kunsens".*

Illi tal-istess portata hija s-sentenza **"Josette Lungaro mart Jesmond Lauro vs Jesmond Lauro"** (P.A. (RCP) l-1 ta' Frar 2001); **"Joseph Gabriel vs Dr. Georg Sapiano nomine"** (P.A. (RCP) 8 ta' Novembru 2000); **"Carmen El Shimi gja Tanti vs Ibrahim Mohamed Mohamed Ibrahim El Shimi"** (P.A. (NA) 20 ta' Gunju 2000); **"Mary Rose Abder Rahim vs Esam Abder Rahim"** (P.A. (NA) 31 ta' Mejju 2000); **"Ousama William Hfez Sadallah vs Doris Dalli"** (P.A. (RCP) 4 ta' April 2000) u **"Albert Grech vs Josette Grech"** (P.A. (RCP) 30 ta' April 2002 Cit Nru 793/01/RCP).

**(iii) APPREZZAMENT TAL-PROVI.**

Illi ghalkemm l-attur qed jirreferi ghall-**Att dwar iz-Zwieg (Kap 255), artikolu 19(1) (d) (f) (g) (c) u (h)** tal-istess sabiex jibbaza t-talba tieghu jidher car li ma hemmx bzonn li jigu kkunsidrati l-premessi kollha kollha attrici, izda biss dawk li huma relevanti ghall-kaz odjern.

Illi infatti l-kwistjoni principali f'dan il-kaz hi jekk il-konvenuta zzewgitx lill-attur sempliciment ghall-konvenjenza, u cjoe' sabiex tibqa' Malta u tahdem, jew inkella zzewgitx biex tifforma familja, bl-elementi essenzjali kollha tal-hajja mizzewga.

Illi mill-kumpless tal-provi migbura gie ppruvat, sal-grad rikjest fi proceduri civili, cjoe' sal-grad tal-probabbilta', li r-raguni vera ghall-konvenuta sabiex tersaq ghaz-zwieg kienet ta' konjenvenza u mhux biex tintrabat fiz-zwieg bid-drittijiet u l-obbligi reciproci tal-partijiet. Ic-cirkostanzi kollha, kemm antecedenti u kif ukoll dawk sussegwenti ghall-ghoti tal-kunsens matrimonjali jridu jigu kkunsidrati sabiex tasal sal-grad ta' probabbilta` li kien hemm eskluzjoni pozittiva.

Illi infatti fis-sentenza **"Thomas Azzopardi vs Mary Azzopardi"** deciza fis-16 ta' Dicembru 1996 inghad li:-

*"Biex wiehed jara jekk parti jew ohra fiz-zwieg eskludietx, b'att pozittiv kif fuq imfisser, dan l-element essenzjali fil-mument tal-ghoti tal-kunsens matrimonjali, wiehed irid jara*

*mhux biss id-dikjarazzjonijiet ossia konfessjonali maghmula "a tempo vergine" minn parti jew minn ohra, izda wkoll – u forsi aktar importanti – ic-cirkostanzi kollha antecedenti, konkomitanti u sussegwenti ghaz-zwieg."*

Illi kif indikat il-brava perit legali fir-relazzjoni taghha, u hawn il-Qorti taqbel mal-istess u taddotta l-istess anke bhala motivazzjoni ghal din id-decizjoni, il-fatturi evidenti u rilevanti li ghandhom jigu kkunsidrati fil-kwadru generali tal-kaz fil-kuntest tal-provi prodotti huma s-segwenti rizultanzi u cjoe' li:-

(a) Il-partijiet, qabel iz-zwieg, qatt ma kellhom relazzjoni ta' gharajjes, izda dejjem kienu jiltaqghu fil-prezenza ta' terzi persuni;

(b) Il-konvenuta kienet taf lill-attur ghal madwar xahar meta bdiet tinsisti mieghu sabiex jizzewgu. L-attur kien accetta wara hafna nsistenza. Ftit jiem wara zzewgu.

(c) Il-partijiet izzewgu bis-sigriet wara li kienu ilhom jafu lil xulxin xi ftit gimghat;

(d) Wara c-cerimonja l-attur jixhed li *"Morna lura d-dar qisu ma gara xejn u komplejna hekk sakemm telqet"*

(e) Mix-xhieda jirrizulta li l-konvenuta kellha *"kunfidenzi"* ma' ragel iehor, Aimen;

(f) Wara z-zwieg il-konvenuta bdiet tahdem.

(g) Rigward r-relazzjoni ntima taghhom l-attur jghid*:" Lili qatt ma tatni wicc la qabel iz-zwieg u lanqas wara u fil-fatt lanqas qatt ma rnexxieli mmissha jew ikolli x'naqsam maghha".*

(h) Iz-zwieg tal-kontendenti sfaxxa wara xahar, meta l-konvenuta telqet mid-dar u qatt ma giet lura.

Illi l-gurista ***Francesco Bersini*** jispjega:

*"Chi ad esempio intende un fine estrinseco al matrimonio in modo tale da escludere con atto positivo di volonta` lo stesso matrimonio, che per lui e` una pura formalita` vuota e senza senso, evidentemente fa del matrimonio un rito vano." (***Il Diritto Canonico Matrimoniale, Elle Di Ci (Torino), 1994***)."*

Illi din l-Qorti fil-kawza **"Pauline Ahmed vs Shafik Farid Shafik Ahmed"** (P.A. (N.A.) - 10 ta' Marzu 2000 fissret li:-

*"meta l-uniku skop tal-kontraent ikun li jibqa' Malta biex jahdem u eventwalment jikseb ic-cittadinanza, hu jkun qieghed pozittivament jeskludi z-zwieg innifsu, b'mod li jkun hemm simulazzjoni totali. Naturalment, f'dawn il-kazijiet wiehed m' ghandux jistenna li jsib prova diretta tas-simulazzjoni, fis-sens ta' xi dikjarazzjoni esplicita ta' l-intenzjoni ta' dak li jkun; pero' tali ntenzjoni tista' tigi manifesta wkoll implicitament."*

Illi fi kliem il-gurista ***Castano***:

*"… l'atto positivo della volonta` non s'identifica con l'intenzione espressa o esplicita, ma l'atto della volonta` puo` essere posittivo ed essere manifestato implicitamente."* (***Castano, J.F.***, **Il Sacramento del Matrimonio, Roma, 1992**).

Illi din l-Qorti fil-kawza **"Josephine Grech vs Mahmoud Awwada"** deciza fl-10 t' Ottubru 1995 irriteniet li:-

*"Minn din il-verzjoni jirrizulta car li z-zwieg celebrat bejn il-kontendenti … kien zwieg ta' konvenjenza, intiz sabiex il-konvenut ikun jista' jibqa' Malta, jahdem bla problemi u eventwalment jikseb ic-cittadinanza…. Hawn qeghdin ghalhekk fil-kamp tas-simulazzjoni u cjoe' meta l-atti, gesti jew kliem esterni ma jikkorrispondux ghall-kunsens intern li jkun qed jinghata. L-awturi jitkellmu dwar "consensus simulatus" jew "consensus fictus". Din is-simulazzjoni tista' tkun jew totali jew parzjali (****"Anna Galea vs John Walsh"****, Prim' Awla, 30 ta' Marzu 1995). Fil-kaz prezenti din il-Qorti tara li kien hemm simulazzjoni totali da parti*

*tal-konvenut ghax kollox jindika li hu eskluda pozittivament iz-zwieg innifsu…..”*

Illi gie wkoll ritenut mit-Tribunal Regjonali ta’ Halifax (Canada) fis-sentenza tat-23 ta’ Gunju 1977 coram Morrisey (u riportata f’**Documentation II on Marriage Nullity Cases, Hudson, J.E. ed., Ottawa (St. Paul University)**, 1979, p. 136):

*“In addition, we should mention that the law clearly states … that a positive act of will is required for an intention to exert an influence on matrimonial consent. However, it is not necessary that the act of exclusion be explicit; an implicit act would suffice as a basis for an invalidating simulation of marital consent. Furthermore, it is not necessary that the positive act required for simulation be actual; a virtual intention contrary to the essence of marriage would suffice to render the consent invalid by reason of simulation.”*

Illi b’kapacita’ tal-partijiet ghaz-zwieg wiehed jifhem dawk il-prerekwiziti oggettivi li jridu jkunu jezistu fil-parti sabiex dik il-parti tkun tista’ tersaq ghaz-zwieg u sabiex tkun tista’ validament tikkontratta. Is-simulazzjoni necessarjament tippresumi li persuna setghet tersaq ghaz-zwieg u setghet validament tikkontratta izda, b’ghazla taghha, iddecidiet li fil-fatt ma tikkontrattax validament. (**“Pauline Ahmed vs Shafik Farid Shafik Ahmed”** (deciza fl-10 ta’ Marzu 2000)

Illi huwa car li l-konvenuta ssimulat il-kunsens taghha ghal dan iz-zwieg. L-awtur ***JR Keating*** jghid li biex iz-zwieg ikun validu: *“when giving the consent the person must have enjoyed the degree of phychological freedom which is necessary and sufficient to ensure his basic powers of choice.”*

Illi din l-Qorti fil-kawza **“Alfred Tonna vs Maria Tonna”** deciza fil-31 ta’ Dicembru 1996 iddikjarat li jkun hemm simulazzjoni meta, fil-mument ta’ l-ghoti tal-kunsens matrimonjali, esternament u b’att pozittiv tal-volonta, tkun qed teskludi xi element jew propjeta’ essenzjali ghaz-

zwieg, jew minn dik il-maturita' affettiva li hija presuppost ghal-ghazla libera dwar l-imsemmi oggett.

Illi fis-sentenza **"Thomas Azzopardi vs Mary Azzopardi"** deciza fis-16 ta' Dicembru 1996 ikkunsidrat l-kaz: *"... ta' min esternament ikun wera li qed jaghti l-kunsens matrimonjali izda nternament u b'att pozittiv tal-volonta' tieghu jkun fil-fatt qed jichad il-kunsens ghal dak iz-zwieg".* Illi fil-fatt skond il-gurista ***Castano***, jinghad li l-eskluzjoni jinghad li trid tkun pozittiva fis-sens li mhux bizzejjed li jkun hemm in-nuqqas ta' ntenzjoni jew in-nuqqas ta' kunsens dwar iz-zwieg jew dwar xi elementi essenzjali, izda jrid ikun hemm volonta' ossia ntenzjoni pozittiva li teskludi dak iz-zwieg, jew dak l-element essenzjali.

Illi kien hemm ukoll simulazzjoni da parti tal-konvenuta ghaliex riedet tghix mal-attur izda ma jkollhiex x'taqsam mieghu. Il-konvenuta eskludiet kemm element essenzjali tal-hajja mizzewga kif ukoll id-dritt ghall-att konjugali (**"Martha France Hamed nee` Cauchi vs Okasha Abd Elghaffer Hamed"**, Prim' Awla, 22 t'Awissu 1995).

Illi skond il-provi migbura u l-kunsiderazzjonijiet premessi jidher li n-nullita' ta' dan iz-zwieg fil-konfront tal-kontendenti gie ppruvat u din abbazi tal-fatt li l-konvenuta zzewget lill-attur ghaliex kien konvenjenti ghaliha li jsir dan, izda bla ebda rilevanza f'dak li hija kienet thares lejn l-attur, ghaliex in verita' qatt ma kellha ntenzjoni li tghix mieghu bhala martu, izda biss litteralment u effettivament sabiex hija tisserva bih, ghall-iskopijiet egoistici u personali taghha, fosthom li z-zwieg kien mezz ghaliha sabiex tghix f'dan il-pajjiz u ghalhekk abbazi tal-premess it-talba attrici ghandha tigi milqugha abbazi tal-**artikolu 19 (1) (f) tal-Kap 255** ghar-ragunijiet imputabbli lill-konvenuta.

Illi pero' din il-Qorti thoss li anke l-kunsens tal-attur ma kienx dak rikjest mill-ligi u wkoll kien vizzjat, *stante* li minn dak kollu li gara qabel iz-zwieg u bil-mod kif l-attur sar jaf lill-konvenuta u kif din agixxiet mieghu qabel iz-zwieg, bl-insistenza taghha li tizzewgu, meta in verita' ma kien

hemm minn  naha taghha l-ebda affjatament mal-attur, juri bic-car li l-attur kellhu difett serju ta' diskrezzjoni fuq il-hajja mizzewga u fuq l-elementi essenzjali tal-istess, anke ghaliex kien jidher wisq car ghal kulhadd li l-konvenuta kellha skop unika sabiex tizzewweg lill-attur u certament dan ma kienx ibbazat fuq xi gibda u mhabba li hija kellha lejn l-attur; b'dan l-attur seta' nduna facilment, izda jidher li f'dak iz-zmien kien infatwat ghal xi raguni bil-konvenuta, u ghalhekk din il-Qorti thoss li l-kunsens tal-konvenut kien ivvizzjat ukoll skond id-dispozizzjonijiet tal-**artikolu 19 (1) (d) tal-Kap 255 tal-Ligijiet ta' Malta.**

Illi ghalhekk dan iz-zwieg bejn il-kontendenti ghandu jigi ddikjarat null u bla effett abbazi tal- **artikolu 19 (1) (d) u (f)  tal-Kap 255 tal-Ligijiet ta' Malta** u dan ghar-ragunijiet imputabbli liz-zewg partijiet.

## <u>III.    KONKLUZJONI.</u>

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi,** billi fil-kontumacja tal-konvenuta, **tilqa' t-talba attrici** b'dan illi:-

1. Tiddikjara u tiddeciedi li z-zwieg ikkuntrattat bejn il-kontendenti fil-15 t'April 1999 bir-rit civili huwa null u bla effett ghall-finijiet u effetti kollha tal-Ligi u dan abbazi tal-**artikolu 19 (1) (d) u (f) tal-Kap 255 tal-Ligijiet ta' Malta**

Bl-ispejjez jithallsu bin-nofs bejn il-partijiet.

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------